MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 1228/2013

***Kumpilazzjoni Nru.: 1228/13***

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**JOEL CARUANA**

**(ID: 88591M)**

**Illum 22 ta' Gunju, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOEL CARUANA** iben Joseph u Dolores nee' Vassallo, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Jannar 1991, residenti 51A, Fl 3, Sqaq Brittaniku Nru. 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 88591(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Dicembru, 2013 u x-xhur ta' qabel din id-data 2013, f'dawn il-Gzejjer:-

1.Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-Korp tal-Pulizija u/jew entitajiet ohra, wegggha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, liema ingurja saret b'kitba, b'figura jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku.

2. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija;

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi kkommetta reati matul il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qrati ta' Malta, datati 5 ta' Frar, 2013, u 22 ta' Novembru, 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, meta

wara li gie misjub hati ta' diversi reati, nhar il-5 ta' Frar, 2013, gie kkundannat ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija kien gie sospiz ghal erba' snin, u nhar it-22 ta' Novembru, 2010 kien gie kkundannat ghall-perjodu ta' ghaxar xhur prigunerija liema perjodu ta' prigunerija kien gie sospiz ghal sentejn, liema sentenza kienet regghet giet estiza ghall-perjodu ta' erba' snin fil-5 ta' Frar, 2013;

4. Finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom dokument immarkat bhala Dok. TM1 a fol. 4 et sequitur, fedina penali mmarkat bhala Dok. TM2 a fol. 10 et seq., estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. TM3 a fol. 12, stqarrija mmarkata bhala Dok. TM4 a fol 13 et seq., u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Dicembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. TM5 li jinsab a fol. 20 tal-process.

Illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami li sar nhar is-16 ta' Dicembru 2013 (fol.21).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta’ April, 2014 permezz ta’ digriet ta’ Assenjazzjoni temporanju mill-Prim Imhallef u b’digriet iehor datat 20 ta’ Novembru 2014 din il-kawza giet assenjata lilha b’mod permanenti.

Illi nhar is-6 ta’ Marzu, 2014 xehed is-**Supretendent Carmelo Bartolo** u spjega li ghall-habta tal-ahhar gimgha ta' Novembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) waqt li huwa kien addett fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan kien sema’ illi matul ix-xahar ta' Dicembru kien se jsir xi *party* illi ghalih kienu se jattendu wkoll xi minorenni u li dan il-*party* kellu jkun hemm fih diversi DJs u li dan l-istess *party* kien se jsir gol-Koyote Club ta' San Giljan.

Proprjament spjega li l-club maghruf bhala *Koyote Club* fir-realta' il-*club* innifsu jismu *Wild Koyote*. Kif sema’ dawn l-affarijiet huwa mar jivverifika jekk kienx dahallu xi applikazzjoni fl-ufficcju tieghu u dan biex jaccerta ruhu jekk dik l-attivita' hux veru kienet ser issir u jekk kienet ser issir fuq x'hiex kienet se tikkonsisti. Fil-fatt nizel Paceville u fl-inhawi ta' fejn hemm l-istabbiliment maghruf bhala Burger King ra diversi *posters* li kienu qed jirreklamaw din l-attivita'. Minn dawn il-*posters* seta’ jikkonkludi illi din l-attivita' kienet programmata li ser issir go dan il-post *Wild Koyote* u dan fit-tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li kif fil-verita' kien sema’ li kienu se jattendu ghaliha diversi DJs inkluz DJ partikolari maghruf bhala Joel C li jismu Joel Caruana.

Sar jaf ukoll minn dawn il-*posters* illi kien qed jigi riklamat illi mhux se jkun jinhtieg karta tal-identita' biex tidhol f'dan il-*party*. Jigifieri

ovvjament kienu se jidhlu l-minorenni taht is-sbatax-il (17) sena. Kien ghalhekk illi huwa baghat ghall-*licensee* ta' dan il-post ta' dan l-istabbiliment certu Carmel Schembri, li huwa minn Birkirkara u staqsieh jekk kienx ser jorganizza din l-attivita'. Qallu li hu min-naha tieghu ma kien qed jorganizza xejn. Hemmhekk huwa affaccjah bil-*poster* li huwa kien gabar minn fuq il-post. Spjegalu li hawnhekk dan il-*poster* qed jghid li se jsir *party* ghall-minorenni b'diversi DJs fil-*club* tieghu illi huwa *a licensed place of entertainment*. Spjegalu li biex idahhal it-tfal minorenni fl-istabbiliment tieghu jrid ikollu awtorizzazzjoni tal-MTA. Biex ikollu din l-awtorizzazzjoni tal-MTA irid l-ewwel japplika mieghu, biex hu jaghti *no objection* u kif jaraw in-*no objection* l-MTA ittih l-*authorisation*, spjegalu li pero' jrid jibda minn hemm.

Dan ikkonfermalu li mhu ha jorganizza xejn, qallu li u m'ghandu xejn. Huwa dak il-hin raha stramba hafna pero' baqa' jinsisti f'dan is-sens. Qallu li kellu jiccekja mal-impjegati tieghu qallu forsi hu min-naha tieghu ma jaf xejn, imma forsi s-sub alterni tieghu qed jorganizzaw xi haga, qallu li jerga' jkellmu aktar il-quddiem.

Sadanittant waqfu hemm, pero' kompla jindaga min-naha tieghu u kompla jindaga daqsxejn dwar dan id-DJ partikolari minhabba li kienet regghet issa waslitlu ghal widnejh li dan id-DJ partikolari u cioe' dan Joel C, Joel Caruana kellu xi *convictions* mill-Qrati ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi li kienu jirrigwardaw korruzzjoni ta' minorenni. Huwa rega' kellem lil-*licensee* qallu li jekk bi hsiebu jaghmel din l-attivita' qallu li min-naha tieghu kien sa jaghmillu *objection* jekk kien ser ikun hemm din

il-persuna u qallu li qed jghidlu bil-quddiem biex ma jghidlux li qed jghidlu fl-ahhar gurnata. Qallu li huwa rega' kellem lill-addetti tieghu s-sub alterni tieghu fl-organizzazzjoni taghhom, qallu min-naha taghhom mhu se jigi organizzat xejn qallu sema' illi kien qed jigi ppjanat li jigi organizzat pero' qallu peress li l-attendenza kienet se tkun numeruza hafna ghal dan il-party qallu l-*club* tieghu mhuwiex kbir bizzejjed biex izomm dawk in-nies kollha u sar jaf li se jsir band'ohra.

Minn hemmhekk huwa kompla jinvestiga fejn jista' jsir dan il-*party* u jistaqsi minn hemm u jistaqsi minn hawn u sar jaf illi din l-attivita' kellha tigi organizzata gewwa n-Numero Uno li huwa a *licenced, discoteque.* Ghal darb ohra post ta' divertiment u allura jrid jerga' isegwi l-process li kieku ried jaghmel tal-*Koyote Club* kieku sar ghandu.

Kien ghalhekk illi huwa kellem il-kollegi tieghu u l-ewwel ma nforma kien lill-Ispettur Robert Vella, infurmah b'dak li kien  sar jaf. Qallu biex jiccekkja man-Numero Uno mbaghad sussegwentement tkellem mas-Supretendent tieghu u cioe' mas-Supretendent Carmelo Magri u bdiet tittiehed azzjoni f'dan ir-rigward.

Sa dan l-istadju huma fl-ebda hin ma kellhom xi oggezzjoni li ssir l-attivita'. Huma bdew jaghmlu dan kollu ghax ma setghax ikun illi jattendu ghal dan l-attivita' dan id-DJ partikolari minhabba l-*convictions* tieghu, altrimenti  ma kellhomx problema illi dan l-*event* isir ghax dan it-tip ta' *event* sar diversi drabi.

Mela sadanittant baqa' jigi rriklamat illi dan il-*party* ha jsir go Koyote Club waqt li nelfratemp kellu l-kollegi tieghu fl-Ghassa tal-Hamrun qed jirsistu biex jaraw jekk hux ha jsir fin-Numero Uno peress illi l-inhawi tar-Rabat jaqghu taht id-Distrett tal-Hamrun u sadanittant waqfu hemmhekk. Kienu *at a stalemate*.

Fid-disgha (9) ta' Dicembru u cioe' meta kien kwazi wasal zmien dan il-*party* huwa rcieva *email* minghand is-Superjuri tieghu li kienet gejja mill-Ufficcju tal-Kummissarju tat-tfal fejn urew il-*concerns* taghhom rigward dan il-*party* illi kien qed jigi rriklamat. Urew il-*concerns* taghhom minhabba li ha jkun hemm tfal prezenti u b'mod specjali urew *concerns* illi kien ser jiehu sehem id-DJ Joel Caruana. Oltre dan indikawlhom ukoll illi issa kien qed jigi rriklamat gol-*Koyote Club* u li kellhom l-biljetti *sold out.*

F'dan l-istadju huwa rega' gie f'diffikulta' jekk il-*licensee* tal-*Koyote Club* kienx qed jghidlu l-verita'. Baghat ghalih u din id-darba wissih u qallu biex jisma' x'ser jghidlu u spjegalu dan il-*party* ghadu qed jigi rriklamat li ser isir ghandu, li l-biljetti kienu *sold out* waqt li dan Schembri baqa' jinsisti mieghu li ma kienx ser isir ghandu. Spjegalu li jekk isir iwaqqafulu. U ghamilielu cara. Qallu huwa min-naha tieghu jhalli f'idejh pero insista meighu li l-*party* hemmhekk mhux ser isir. Spjegalu li kellu jara x'jaghmel sabiex iwaqqaf ir-reklam . Dan qallu jhalli f'idu ha jiehu azzjoni f'dan ir-rigward pero' ma baqax jafda u din id-darba beda jara kif ha jistabbilixxi l-identita' ta' dan Joel Caruana sewwa halli jibghat ghalih ha jkellmu ha javzah.

Fil-fatt beda jipprova jaghmel kuntatt mieghu fuq il-*mobile* u ma beda jwiegbu qatt. Ghamel hin twil jipprova jaqbdu, baqa' ma wiegbux. Darba minnhom irrispondih u qatalu mal-ewwel lanqas kellimu u minn hemm u minn hawn sab in-numru tad-dar tieghu. Kellem lil ommu, spjegalha li ilu hafna jipprova jaqbdu. Qalilha ghidlu ha jmur  jkelmu daqsxejn ghax kien importanti hafna u Joel fil-fatt mar l-Ghassa ta' San Giljan u hemmhekk tkellem mieghu.

Spjegalu li hu qed jirriklama li ha jaghmel din l-attivita' u infurmah  li applikazzjoni biex issir  din l-attivita' ma hemmx u ghalhekk din l-attivita' kienet ser issir b'mod illegali, jekk ha jiehu sehem fiha hu se jkun komplici f'attivita' illegali aktar u aktar jekk qed jorganizzaha hu. Gharfu fuq ir-reklami li kienhemm fuq *Face book* u fuq il-mezzi ohra ta' xandir u ta' telekomunikazzjoni li dan hekk kien qed jigi mxandar. Qallu sabiex ihalli  f'idu u li  ma kienx  se jaghmel xejn u baqghu hekk.

Sadanittant kellu pohhu mistrieh pero’ baqa’ mohhu hemm isegwi l-izviluppi ghax it-tnax (12) ta' Dicembru kien maghhom. Tan-Numero Uno baqa’ jghidlu li ma kienx ser jinzamm hemm kif ukoll tal-Koyote qallu li ma kienx ser isir hemm lanqas. Cio nonostante pero r-riklamar baqa’ ghaddej u jghid li l-biljetti kienu  *sold out* u ghalhekk kkonkluda li xi haga zgur kien se ikun hemm. Kompla ghaddej bl-investigazzjoni tieghu u sar jaf illi dan il-*party* kien ser isir gol-Carribean Club illi hemm Hal Far.

Immedjatament kellem lill-kollegi tieghu ta' Birzebbugia  u qalilhom li sar jaf li kien se ikun hemm dan il-*party*, u li  ma kien l-ebda applikazzjoni u ghalhekk issolecithom sabiex jigru wara l-*licensee* ghax

kien ha jkollhom il-problemi. Tkellem mal-kollega tieghu s-Supretendent Sandro Gatt u qallu li min-naha tieghu kien se jiehu azzjoni. Wasal it-tnax (12) ta' Dicembru u accertaw ruhhom illi f'dawn it-tlett postijiet li semma' dan il-*party* ma sarx. Bejnu u bejn ruhu pero baqa' jghid li l-party sar xi mkien iehor li ma jafx fejn jew inkella gie mhassar kompletement. Kellu xi suspeti ghax kienu jaf li hafna zaghzagh lahqu xtraw il-biljetti u kien hemm ammont konsiderevoli sew.

Sadanittant ghadda t-tnax (12) ta' Dicembru. Jghid illi kellu struzzjonijiet anke mill-Assistent Kummissarju tieghu llum id-Deputat Kummissarju Raymond Zammit sabiex dan id-DJ bl-ebda mod ma jiehu sehem u dan b'referenza ghal Joel Caruana.

Fil-hmistax (15) ta' Dicembru 2013 gie msejjah mill-Assistent Kummissarju u qallu biex jattendi l-ufficcju tieghu u f'daqqa wahda huwa min-naha tieghu spicca nvestigat mill-Assistent Kummissarju tieghu fuq *email* li kienet baghtet il-Kummissarju tat-tfal lill-Assistent Kummissarju. Liema *email* kienet tirrigwarda post illi kienet sabet fuq facebook li allura ratha Malta kollha biex ma jghidx id-dinja kollha illi huwa bhala l-Pulizija ma ppermettiex li l-*party* isir f'Koyote Club ghax il-post kien zghir, li ghax dakinhar kien se jsir *party* iehor kbir u li hassew li ghall-gid taz-zaghzagh mhux tajjeb li jithalltu go Paceville u li hu min-naha tieghu bhala l-Pulizija kien qed jifthiem mal-organizzatur ma' Joel Caruana biex isibu *venue* iehor meta minn dan kollu ma kien hemm assolutament xejn.

Anzi spjega li min-naha tieghu beda jinsisti ma dan id-DJ li mhux se jhallih jiehu sehem f'dawn it-tip ta' attivitajiet, ahseb u ara kemm ftiehem mieghu biex isibu *venue* addattat biex jaghmlu dan il-*party*.

Huwa baqa' imbellah x'hin id-Deputat Kummissarju beda jkellmu fuq dawn l-affarijiet, qallu li minn dan kollu m'hemm xejn. Qallu biex jibaghat ghal Joel li kellu jmur dakinhar stess filghodu  u dan ghaleix huwa kien lest  li jiffaccjah. Fil-fatt Joel gie msejjah dahal gol-ufficcju tal-Assistent Kummissarju. Dak il-hin kien hemm prezenti ukoll is-Supretendent Sandro Gatt ghax ovvjament din l-*email* peress illi kienet intestata f'isem il-Pulizija kienet tirrigwarda lilu ukoll u tkellimu ma' dan Joel Caruana.

Jghid li mallipogga bilqieghda fuq is-siggu u bdew ikellmuh ra illi dik il-*post* fuq il- facebook kienet indirizzata minn Joel C u ghalhekk avzawh bid-drittijiet legali tieghu. Dak il-hin l-imputat qallu '*zbaljajt Sir*', qallu '*zbaljajt*'. Qallu 'imma xi haga ried nghidilhom lin-nies', hu qallu '*waqqaft il-party, minkejja li  kien biegh dawk il-biljetti kollha'*. Ix-xhud qallu allura biex tghid lin-nies qallu '*twahhal fija u qallu tivvinta storja illi jiena u inti qeghdin naghmlu dan il-ftehim qallu bhal li kieku qisu ghandu xi sehem'*. Qallu '*zbaljajt, qallu jiddispjacini zbaljajt'*. Qallu '*ismaghni Joel ha narrestak u qallu ha ninvestigawk ghax hawnhekk ksirt il-ligi'*.

Sadanittant l-Assistent Kummissarju kompla jitkellem mieghu u telqu minn hemm. Arrestah immedjatament u ghaddih lill-Ispettur Trevor Micallef sabiex ikompli jinvestigah. Minn hemmhekk l-Ispettur rega' fakkru bid-drittijiet legali tieghu. Din id-darba ried ikellem lill-Avukat tieghu, tkellem mal-Avukat tieghu u jaf illi beda jkellmu l-Ispettur Trevor Micallef. Wara ftit l-Ispettur Trevor Micallef mar hdejh u zammu nfurmat bl-izviluppi ta' x'kien qed jigri. Qallu isma' dan qed jichad kollox qallu affari tieghu pero' lilhom dak id-diskors quddiem l-Assistent Kummissarju u quddiem is-Sur Sandro Gatt wara li avzawh bid-drittijiet legali tieghu kien qalu mmedjatament.

Sadanittant mar anke kellmu ftit hu u u dan qallu li Joel C mhux hu, qallu *'dak mhux jien'*. Qallu li ma kienx qed jorganizzah hu, u li ma jorganizzax dawn it-tipi ta' attivitajiet u baqa' ha dik il-linja illi huwa madanakollu ma kellu x'jaqsam xejn. Baqghu jiffaccjawh b'dak li anke kien stqarr. Ghadu jiftakar illi qabel ma l-imputatu ma wiegeb gad-domandi li bdew jaghmlulu beda jdum ammont ta' hin jahseb x'ha jghid. Beda anke jghidilhom *'eh ha nara kif ha nirrispondijilkom din. Eh nahsibha naqra, eh, ibda iktibha kif ha nghidlek'*. Hemmhekk beda jurih illi kien daqsxejn *schemy* hu fir-risposti kif beda jaghtihom u ovvjament beda jdur mal-lewza u jghid diskors twil. Fil-fatt b'referenza ghar-risposti fl-Istqarrija tieghu hemm elogju biex ikunu hargu punt ckejken. Kien kollu b'dan il-mod. Kien ghalhekk illi huwa allura minn naha tieghu kompla jinvestiga u din id-darba talab l-assistenza tal-kollegi tieghu fis-Cyber Crime Unit u bdew jaghmlu daqsxejn ricerka fil-*facebook* ghax huwa mill-ufficcju tieghu m'ghandux access ghall-*facebook*.

Fil-fatt Joel C il-page tieghu sabuha bhala Joel C Events and Marketing u nteressanti hafna kien hemm in-numru tat-*telephone* 79203026. Huwa ghamel kuntatt immedjatament mal-Ispettur Trevor Micallef qallu x'numru tal-*mobile* tak Joel C? Qallu dan in-numru, u qallu okay. Huwa esebixxa dan id-dokument bhala prova illi Joel C huwa Joel Caruana l-akkuzat bhala l-istess bniedem li ghandu l-istess numru ta' *telephone* li hemm fuq dan ir-riklam. Dan d-dokument gie markat bhala Dok. BC1. Sadanittant kompla anke jaghmel xi ricerka fuq l-istess *facebook* mal-addetti taghhom fis-Cyber Crime Unit. Tellghulu ukoll xi dokumenti illi ma jafx jekk humiex diga' esebiti fl-atti ghax huwa kien ghaddiehom lill-Ispettur Trevor Micallef biex ikomplu aktar investigazzjonijiet f'dan ir-rigward.

Seta’ jinnonta illi r-riklami ta' dan l-*event* huma *black and white* pero' fil-facebook huma bil-kulur. Din hija ezatt il-poster illi kien gabar minn Paceville u li esebixxa u li giet markat bhala dokukment BC2. Huwa *poster* illi qieghed f'dan l-*envelope* kanella.

Issa sadanittant huwa ta struzzjonijiet lill-Ispettur Trevor sabiex jaghmlulu tfittxija d-dar. Jaf li saret minn xi Pulizija din it-tfittxija u kien gie nfurmat illi kienu gew elevati ammont konsiderevoli ta' biljetti ghal din l-attivita'. Huwa min-naha tieghu waqaf hemm imbaghad kompla b'aktar stharrig il-kollega tieghu l-Ispettur Trevor Micallef.

Huwa gharaf il-firma tieghu fuq l-Istqarrija illi rrilaxxja Joel Caruana li tinsab esebita fl-atti a fol 13. Din l-Istqarrija kienet giet rilaxxata wara li Joel Caruana kien rega' gie mfakkar bid-drittijiet kollha legali tieghu. Jaghraf fuqha l-firma tal-Ispettur Trevor Micallef, il-firma tieghu u dan fuq kull parti ta' din l-Istqarrija fejn jokkorri u gharaf ukoll il-firma ta' Joel Caruana li accerna ghaliha qeghda ffirmata bhala Joel C.

Ghamel ukoll referenza ghad-dokumenti li qeghdin a fol. erbgha (4), hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) ta' dan il-Process waqt li spjega li dawn huma dokumenti illi huwa flimkien mal-addetti tas-Cyber Crime Unit pprintjaw permezz tal-*computers* tas-sistema tas-Cyber Crime Unit li ghandhom access ghall-*facebook* u jaghraf dawn id-dokumenti bhala d-dokumenti illi gew ipprintjati u misjuba fil-prezenza tieghu.

In kontro ezami gie mistoqsi li fost l-akkuzi illi hemm addebitati lil Joel Caruana hemm illi sar uzu ta' apparat elettroniku ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija, jistghax jghid x'dannu rreka l-Korp tal-Pulizija jekk hux hsara materjali huwa wiegeb billi qal kull forma ta' hsara mpossibli. Spjega li l-ewwelnett huwa spicca nvestigat. Spjega li l-malafama li saret li spicca huwa *questioned* mill-Kummissarju tat-tfal bir-rispett kollu illi huma kienu qishom qed jahdmu ma' dan il-bniedem biex jakkomodaw attivita' illegali. Ghalih kienet x'malafama fil-konfront tieghu meta hu dak iz-zmien kien is-Supretentedent il-Kap tad-Distrett ta' San Giljan u li dawn l-affarijiet allura jiprocessahom hu. Mistoqsi jekk jistax ikun li flok il-malafama kien hemm l-ingurja u mhux il-malafama huwa spjega li le l-malafama kien hemm. Jaf li spicca nvestigat habba fih, minhabba l-*post* li ghamel l-imputat.

Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2014 xehed **PC 670 Walter Sheldon** u gie mitlub jispjega f'hiex kien involut fl-investigazzjonijiet li saru fil-hmistax (15) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) u huwa spjega li kien xhud ta' *statement* ta' Joel Caruana. Mitlub jispjega jekk kienx hemm xi haga ohra huwa spjega li qalghu t-tabella minn fuq il-*pole* fl-ahhar ta' Novembru. Mistoqsi ma' min kien u spjega li kienu hu, is-Supretendent Charles Bartolo u l-Ispettur Daryl Borg. Mistoqsi x'ghamlu huma, spjega li qalghu *poster* minn ma' *pole*. Gie muri *poster* u gie mistoqsi jekk huwiex dan il-*poster* u kkonferma li dak kien. Mistoqsi jekk jiftakarx x'intqal fl-ufficcju tas-Supretendent Bartolo dakinhar, x'*caution* kien dan huwa spjega li biex ma jsirx il-*party*. Mistoqsi jekk jiftakarx x'qallu ezatt ghalxiex ma jistax isir dan il-*party* huwa spjega li ghax ma kellux permess mill-MTA. Ma kellhomx permess ghall-*party* tat-*teenagers* fil-*Bar* li kien indikat.

Illi nhar it-22 ta’ Lulju, 2014 xehdet **Marisa Gauci** ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Vodafone u spjegat li hija giet mitluba sabiex taghti *registration* tal-*mobile phone number* 79203026 fuq Joel Caruana. Hija esebiet *customer details* ta’ Joel Caruana li gie markat bhala dokument VF.

Illi nhar it-22 ta’ Lulju, 2014 xehed **Carlo Schembri** u spjega li huwa *licencee* ta' xi *bars* gewwa Paceville fosthom il-*bar* Kayote Bar. Jiftakar illi f'Dicembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien baghat ghalih l-Ispettur Bartolo llum Supretendent fejn kien qallu li kien se jinzamm xi *party* gewwa l-istabbiliment Kayote. Huwa spjegalu li mhuwiex involut direttament fl-*operations* u s-supretendent qallu li kien koncernat bil-*party* li kien se jsir f'dan l-istabbiliment.

Qallu li l-persuna li kienet se torganizza dan il-*party* Joel Caruana diga' kien kiser dufrejh mal-Pulizija u ghalhekk ma kienx kuntent. Huwa ma jafx min hu Joel Caruana. Sussegwentement a bazi ta' din l-informazzjoni tkellem mal-*management* tieghu u kkancella din l-attivita'.

Illi nhar il-25 ta’ Awwissu, 2014 xehed is-**Supretendent Sandro Gatt** u spjega li ghall-habta ta' Dicembru li ghadda kien gej il-Milied kien gie nfurmat permezz ta' diversi telefonati li bdew dehlin l-Ghassa taz-Zurrieq li kien se jsir xi *Teen Party* gewwa l-Carribean Bar limiti ta' Hal Far. Huwa apparti minn hekk kien ircieva ukoll informazzjoni minghand

illum id-Deputat Kummissarju Ray Zammit fuq l-istess suggett fejn qalulu li l-*organizer* ta' dan il-*party* kien certu Joel Caruana.

Mill-informazzjoni iktar li gabar irrizulta li dan Joel Caruana kellu xi mpediment li jorganizza dawn it-*Teen Parties*. Huwa sussegwentement kien cempel lil Joel Caruana kif ukoll is-sid tal-Carribean Bar il-Joe Cachia fejn infurmahom illi l-*party* ma kienx se jsir minhabba diversi ragunijiet. Sussegwentement Joe Cachia kien ikkolabora mieghu u dan Joel Caruana speci qallu le *all right*, qallu mhux problema. Pero' imbaghad sar jaf minn fuq *facebook* illi Joel Caruana kien kiteb illi huma ma kienux hargu permess relatat mal-attivita'. Huwa rega' kien baghat ghal Joel Caruana fejn qallu kif jista' jkun ma pruvawx meta hu lanqas biss applika maghhom biex jorganizza dan tali *party*? Nel frattemp kien cempillu s-Sur Zammit illum Deputat Kummissarju fejn kien qallu sabiex igib lil Joel Caruana flimkien mas-Supretendent Charlie Bartolo l-ufficcju tieghu tas-Sliema.

Huwa kien hadu hemm, kienu ltqaghu hemmhekk fejn is-Supretendent Charlie Bartolo u s-Supretendent beda jkellem lil Joel Caruana beda speci jsaqsih ghaliex immalafamah u mmalafama lill-Pulizija f'dan ir-rigward ghax mhux vera kien gara dak li gie rapportat fil-face book . Huwa ma kienx dahal fis-suggett baqa' barra minnha u dak il-hin stess is-Sur Bartolo kien ordna li Joel Caruana jittiehed l-Ghassa San Giljan biex jigi nvestigat fuq din l-allegazzjoni. Fl-investigazzjoni ma kienx dahal. Huwa spjega li qed jaghraf l-imputat odiern bhala Joel Caruana.

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2014 xehed **Joseph Cachia** u spjega li hu sid l-istabbilliment maghruf bhala Carribean. Spjega li f'Dicembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) kienet giet persuna maghrufa bl-isem ta' Joel kien talbu biex izomm *party* fl-istabbilliment tieghu. Ikkonferma lil l-imputat odjern fil-fatt huwa l-istess persuna li kien mar ghandu u sussegwentement jaf li dan il-party ma sarx ghaliex l-imputat ma kellux permessi mill-Pulizija. Spjega li fil-fatt kien baghat ghalih ukoll is-Supretendent Sandro Gatt gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq.

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2014 xehed **PS 1490 Joseph Muscat** u spjega li huwa kien gie mqabbad sabiex jaghmel ricerka fuq *facebook* tal-persuna ta' Joel Caruana u dan fuq struzzjonijiet moghtija lilu mis-Supretendent Carmelo Bartolo flimkien mal-Ispettur Trevor Micallef. Illum huwa jinsab f'pozizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni tieghu maghmula ai fini ta' din l-investigazzjoni u din giet immarkata bhala dokument CB.

Esebixxa wkoll il-*hard disc* relatat ma' dan il-*computer* li gie markat bhala dokument CB1. Fil-hmistax (15) ta' Dicembru, elfejn u tlettax (2013) is-Supretendent kien talbu sabiex huwa jirritrivja certu *data* mill-*computer* ta' Joel Caruana u spjega li huma ghamlu tfittxija ghall-*key words facebook ID list, facebook photo post one (1), facebook photo post two (2)*, Carribean Club, Birzebbugia, Venue Chain u Smash Fever. Spjega li tlett mija u tlettax (313)-il *hit* minn Smash Fever tlieta (3) minnhom kienu possibbilment relevanti mal-investigazzjoni li kienu qeghdin jaghmlu u dawn instabu go *file* partikolari. Spjega li dawna kienu jiffurmaw parti minn *chats* u spjega illi fid-dokument C appendix C

tad-dokument CB jirrizultaw tlett (3) *chat lines* relatati ma' dan l-avveniment.

Spjega li kienu zammew ukoll xi nformazzjoni dwar xi *site* iehor li hassew li kien relevanti ma' din l-investigazzjoni u dan ghaliex kien hemm *mobile number* 79203026 liema *mobile number* jghajjat lil Joel Caruana skond informazzjoni moghtija lilu mis-Supretendent Bartolo. Spjega li huwa ndikat bhala Joel C Events and Marketing fil-f*acebook page* tieghu u spjega ukoll li hemm *site* tal-*adverts* li kien bl-*email* ukoll.

Illi l-imputat a tempo verine ta' l-investigazzjoni meta kien gie investigat kien irrilaxxja stqarija, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 13 u markata bhala dok TM4. Jghid li huwa jahdem fil-Freeport bhala driver tat-trakkijiet u li huwa single u li jghix mal-genituri tieghu. Mistoqsi jaghmilx xi xoghol iehor iwiegeb fin-negattiv. Mistoqsi x'involvement kellu ghal party li kellu isir gewwa l-Koyote Club Paceville nhar it-12 ta Dicembru 2013 ighid li kellu isib xi nies biex isir l-entertainment ta' dan il-party. Fil-fatt jghid li kien sab dawn in-nies pero' ma thallasx ghal dan l-inkarigu. Mistoqsi kemm kellhom jattendu nies ghal dan il-party jghid li ma jafx u jispjega li ma kellux kontrol fuqu. Mistoqsi jekk Joel C li kien hemm fuq il-poster li kien qed jirreklama dan il-party hiex referenza ghalih ighid li mhuwiex u ma jafx ghal min kienet ir-referenza. Jghid li huwa qatt ma kien interessat sabiex jorganizza party ghal nies taht l-eta u ghalhekk ma kienx jaf x'kienet il-procedura. Ikkonferma li ma din l-attivita ma kellux x'jaqsam xejn. Mistoqsi jekk hux minnu li din l-attivita bidlet il-venue taghha darbtejn ighid li ma jafx ghaliex ma kienx involut. Mistoqsi jekk hux minnu li l-logo ta Joel C hija l-istess logo li tintuza

minn kumpanija li kien jahdem hu ighid li huwa qatt ma hadem ghal xi kumpanija li kellha dak l-isem u qatt ma dahhal xejn ghaliex qatt ma kien impjegat. Jghid li qabel kien jaghmel xi xoghol ghalihom bhala passatemp u dan meta hu stess kien minorenni u ghalhekk qatt ma kien hadem. Qal li din il-kumpanija kienet torganzza xi festin ghall-istudenti. Mistoqsi jekk kienux igibu xi DJ's ighid li ma jafx ghaliex mhux hu kien jorganizza. Huwa kien jghin billi imexxi l-kelma ma' shabu l-iskola sabiex jattendu ghal dik l-attivita li kienet tigi organizzata. Huwa jikkonferma ghal darba darbtejn li ma' din l-attivita' ma kellux x'jaqsam u ma kellu l-ebda intenzjoni li jinvolvi ruhu fiha. Mistoqsi jekk hux minnu li gie mitkellem qudiem l-Assistent Kummissarju jghid li iva u mistoqsi jekk hux minnu li gie muri post li kien hemm fuq il-Facebook u jghid li iva hekk hu. Pero' jghid li fl-ebda hin ma ismu Joel Caruana kien fuq din il-post li gie muri u ghal darb ohra jikkonferma li ma kienx hu li tella' din il-post.

Mistoqsi jekk hux minnu li quddiem l-Assistent Kummissarju Zammit huwa accetta li dan il-post kien baghtu hu u qallu li kien hassru immedjatament malli baghtu u li kien qallu li kien ghamlu wara li xtraw biljetti xi nies. Mistoqsi wkoll jekk dan id-diskors intqal quddiem is-Supretendent S. Gatt u li huwa kien qal li dak kollu li kien kiteb fil-konfront tal-pulizija kien kollu gideb u li kien ippostja fuq *facebook* biss sabiex jiggustifika ghalfejn kien thassar il-party u li qallu li huwa kien lest li jitfa post gdida sabiex jirtira dak kollu li kien qal fir-rigward tal-pulizija l-awtoritajiet l-ohra jichdu b'mod kategoriku. Jghid li bhala Joel Caruana ufficjalment ma kien kiteb l-ebda post f'ismu u ma seta' qatt jikkonferma sentenzi li ntqalu minn haddiehor. Jerga' jichad li kellu x'jaqsam ma din l-attivita. Huwa kkonferma li fuq il-pagna tal-Facebook

tieghu Joel Caruana qatt ma kiteb xi messagg fuq din l-attivita li kellha allegatament issir. Huwa jghid li l-logo Joel C Events and Marketing mhix tieghu u fuq il-Facebook huwa jinsab registrat bhala Joel Caruana.

Mistoqsi jekk hux minnu li kien mar quddiem id-Deputat Kummissarju fuq din il-kwistjoni jghid li qatt ma mar u ghalhekk mhux minnu dak li gie mgharraf fl-istqarrija tieghu fejn intqal li huwa kien mar ghandu.

Illi nhar it-2 ta’ Dicembru, 2014 xehed l-imputat **Joel Caruana** minn jeddu u b’mod volontarju u spjega li huwa kien gie avvicinat minn sid il-Club Koyote sabiex isib persuna biex jaghmel il-muzika u dan ghaliex kien lejliet festa u ftit kien hemm nies li kienu lesti li jahdmu lejliet festa. Wara li ghamel ftit jiem ifittex ma sabx persuna li kien lest li jipprovdi muzika dak il-lejl u ghalhekk ma kellu x'jaqsam xejn aktar mieghu. Spjega li l-pagna tal-*facebook* li kopja taghha giet esebita f'dawn l-atti hemm access ghaliha minn sid il-hanut u xi nies ohra li kienu jghinuh biex jippromwovi l-*events* tieghu. Mistoqsi effettivament min ghamel dik il-*post* spjega illi ma jafx u ma ghandux il-mezzi biex ikun jaf. Hu zgur li ma ghamilhiex. Mhuwiex minnu li huwa maghruf bhala Joel C. Huwa access biex ibiddel l-informazzjoni fuq din il-pagna qatt ma kellu u qatt ma kellu x'jaqsam maghha u l-kontenut li kien qed jigi xxerjat fuq l-internet ma kellu l-ebda kontroll fuqu. Dik il-pagna mhijiex tieghu, mhijiex pagna ta' Joel Caruana.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni prezentata fl-atti fl-4 ta’ Mejju 2015.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2015 fejn il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:-

1. Illi s-Supretendent Carmelo Bartolo kien sema li kien ser ikun hemm attivita gewwa l-Koyote Club gewwa Paceville nhar it-12 ta’ Dicembru 2013 u fuq poster li kien qed jirreklama din l-attivita kien hemm il-logo ta’ ‘JoelC Events and Marketing’. Huwa fil-fatt esebixxa kopja ta’ din l-istess poster li giet immarkata bhala Dok BC2.
2. In oltre jghid ukoll is-Supretendent Carmelo Bartolo li kien ircieva ittra minghand il-Kummissarju tat-tfal li gibdet l-attenzjoni tal-pulizija ghal din l-atttivita li kellha tinzamm peress li allegatament kellhom ikun hemm tfal taht l-eta u in oltre l-allegat organizzatur l-imputat odjern kien diga nstab hati tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni.
3. Illi huwa ghalhekk beda jinvestiga din l-allegazzjoni u kien baghat ghad-dirigent tal-Koyote Club u cioe’ Carlo Schembri u dan stqarr li huwa ma jafx min hu Joel Caruana u li kien se jiehu hsieb li din l-attivita’ tigi kancellata.
4. Illi in segwitu s-Supretendent Bartolo jghid li sar jaf li din l-attivita’ kellha ssir in-Numero Uno r-Rabat u ghalhekk kien ikkomunika

mal-ispettur li jiehu hsieb id-distrett tar-Rabat u dan accertah li l-attivita ma kienitx ser issir hemm.

5. Illi rega' gie mgharraf li effettivament l-attivita kienet se ssir fl-istabbiliment bl-isem Caribbean li jinsab Hal Far u ghalhekk ikkomunika mas-Supretendent Gatt biex jiehu hsieb.
6. Jghid li minn dak li qal sid dan l-istabbiliment u cioe' certu Joseph Cachia, Joel Caruana l-imputat odjern kien mar ikellmu u staqsih jekk setghax jorganizza party hemmhekk izda jghid li l-party ma sarx ghaliex Joel Caruana ma kellux il-permessi relattivi tal-pulizija.
7. Il-Prosekuzzjoni resqet lis-Supretendent Gatt jghid li huwa wkoll kien cempel lil Joel Caruana u qallu li ma setghax jaghmel il-party u dan allegatament kien wiegbu li ma kellux problema izda jghid li wara sar jaf li fuq il-Facebook Joel Caruana kiteb lill-pulizija ma hargux permess ma l-attivita. Ghalhekk kien baghat ghalih u skond is-supretendent Gatt l-imputat u kien qallu li kien lest li jnehhiha.
8. Il-pulizija resqet in segwitu lill-imputat il-Qorti ghaliex hasset li bil-kummenti li kiteb fuq il-Facebook ingurja u mmalafama lilhom.
9. Il-Prosekuzzjoni resqet lil PS 1490 Joseph Muscat tac-Cyber Crime jixhed u qal li huwa kien gie mqabbad sabiex jaghmel ricerka fuq il-Facebook ta' Joel Caruana. Spjega illi s-Supretendent Bartolo kien talbu sabiex jittrivja certu data mill-kompjuter ta' Joel Caruana u dana fil-15 ta' Dicembru 2013. Qal li fir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. CB irrirzulta li kien hemm tlett chats relatati ma din l-attivita. Importanti pero' dak li jghid dan ix-xhud u cioe' li huma zammew xi nformazzjoni dwar site iehor  li hass li kien relevanti ma' din l-investigazzjoni u dan ghaliex kien hemm il-mobile number ta' Joel Caruana u cioe' n-numru 79203026. Dan is-sit huwa ndikat bhala Joel C Events and Marketing fil-Facebook tieghu.
10. Illi Marisa Gauci ghan-nom tal-Vodafone kkonfermat li n-numru 79203026 jghajjat lil Joel Caruana u esebiet il-customer details

tieghu Dok. VF li jaqilbu mal-particulars moghtija minnu waqt l-ezami.

11. Illi l-imputat innega li kellu x’jaqsam ma’ din l-attivita’ kemm fl-istqarrija tieghu kemm fix-xhieda li huwa ta’ viva voce l-Qorti cio nonostante xorta qed jiffaccja dawk l-akkuzi odjerni.

Illi huwa d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-kaz taghha billi ggib kull prova favur u/jew kontra l-akkuzat sabiex tissostanzja l-akkuzi taghha u dan ghaliex l-imputat m’ghandu ghalfejn jipprova xejn. Il-Qorti naturalment tiddeciedi l-kawza fuq il-provi li jigu mressqa u xejn aktar u naturalment il-prosekuzzjoni ghandha tressaq l-ahjar prova sabiex tipprova l-akkuzi taghha.

Dan qed jinghad ghaliex il-prosekuzzjoni tramite s-Supretendent Carmelo Bartolo ssostni li l-imputat kien kiteb xi post fuq il-Facebook page *JoelC Events & Marketing* fejn permezz tieghu huwa allegatament ingurja lill-pulizija u dan ghaliex allegatament qal li l-pulizija ma tawx permess ghal din l-attivita li kellha ssir fil-Caribbean Club meta fil-fatt lanqas kien hemm applikazzjoni.

Dwar l-ewwel akkuza hija marbuta mat-tieni akkuza u dan ghaliex l-allegat malafama saret permezz ta’ kitba fuq sit elettroniku u ghalhekk ikun opportun li l-ewwel jigi diskuss it-tieni akkuza u cioe’ dik ta’ uzu mhux xieraq ta’ komunikazzjoni elettronika.

Illi PS 1480 ikkonferma li fuq il-Facebook ta' Joel Caruana ma kien hemm l-ebda post kontra l-pulizija relatat ma' din l-attivita li kienet qed tigi organizzata u li dwarha xehdu l-pulizija aktar 'il fuq izda fil-fehma tieghu wara li ghamel tfittxija fuq *Facebook page* ohra ntestata *JoelC Events and Marketing* kien hemm post bil-kliem "*The event is not going to happen because Police & Autorities didn't give us the permission to do the event at Caribbean Club after they told us that it is ok to do the event away from Paceville*".

Illi ghalhekk jidher li l-pulizija u cioe' s-Supretendent Carmelo Bartolo hassu aggravat u malafamat b'din il-post u dan ghaliex ma kienx minnu li l-pulizija ma hargitx il-permess ghaz-zamma ta' din l-attivita ghaliex fil-fatt lanqas applikazjoni ma kien hemm. Qabel ma' din il-Qorti se tidhol u tiddiskuti l-post *ut sic* jidhrilha li ghandha tindirizza nuqqas serju tal-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. Meta l-imputat gie mistoqsi fl-istqarrija tieghu jekk il-Facebook page *JoelC Events & Marketing* kienx responsabbli ghalilha hu, hu nnega u qal li m'ghandux access ghal dan is-sit u qatt ma baghat xejn minn dan is-sit (fol. 17). Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet taf mill-bidu nett li l-imputat ma kienx qed jassumi r-responsabilita ta' dan is-sit. Kien jispetta lill-istess prosekuzzjoni tipprova min jikkontrolla s-sit elettroniku hawn fuq ikkwotat, liema prova hija mandatorja taht l-istess Ligi. Din il-Qorti ma thossx li tista' tassumi li l-imputat ghandu l-kontroll tas-sit elettroniku de quo u dan sempliciment ghaliex l-istess sit igib l-isem JoelC events & Marketing u fuq hemm in-numru tal-mobile tal-imputat meta kien jispetta lill-prosekuzzjoni li ggib il-prova bazika dwar fuq min huwa registrat dan is-

sit u fuq kollox minn jikkontrolla u b'hekk min hu risponsabbli ta' dak li jigi rapportat fuq dan is-sit[1].

Prova li fl-opinjoni ta' din il-Qorti setghet facilment tingieb u kellha tkun il-bazi tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. U dan izjed u izjed meta hawn qeghdin f'materja ta' indoli kriminali. Illi l-unika tentattiv li sar, liema tentattiv, fl-opinjoni ta' din il-Qorti kien incidentali, kienet domanda li ghamlet il-Prosekuzzjoni lill-imputat waqt l-investigazzjoni fejn din staqsiet jekk l-imputat kienx hu li kiteb fuq il-kwistjoni fuq is-sit identifikat minnha, ghal liema domanda l-imputat wiegeb li ma kellux x'jaqsam. Din il-Qorti ma thossx illi fuq kwistjoni ta' indoli kriminali wiehed jista' jistrieh biss fuq il-fatt li kien hemm in-numru ta' l-imputat allura jfisser li s-sit kien ikkontrollat minnu. Dan zgur li wahdu ma jikkostitwix xi prova tal-konnessjoni legali u b'hekk ir-responsabilita` kriminali ta' individwu.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova min-naha tal-prosekuzzjoni tant bzonnjuza u fid-dawl tac-cahda totali tal-imputat din il-Qorti ma tistax izzomm lill-imputat responsabbli ghal dak li nkiteb fuq il-Facebook page *JoelC Events & Marketing* u konsegwentment qed tilliberah minn din l-akkuza ta' uzu mhux xieraq ta' kumunikazzjoni elettronika.

Konsegwentement stante li ma giex provat li l-imputat huwa responsabbli ghas-sit JoelC Events & Marketing ma tistax issibu hati li

[1] Fuq l-element tal-prova u fuq minn jistrieh tali obbligu vide:
(1) Dr H Lenicker vs J Camilleri (Prima Awla 31/5/1972); u
(2) Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi (Appell Inferjuri) 12/4/2007;

permezz ta’ post li deher fuq dan is-sit huwa ngurja l-korp tal-pulizija u ghalhekk anke minn din l-ewwel akkuza qed tilliberah.

Ghalhekk in vista tal-fatt li din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi principali moghtija fil-konfront tieghu ma tistax issibu hati tal-akkuza ta’ recidiva.

Ghaldaqstant din il-Qoti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe’ l-**Artikoli 28A, 28B, 49, 59 u 252 (3) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 9 (a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOEL CARUANA hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

## < Sentenza Finali - Not To Put On Web >

-------------------------------TMIEM-------------------------------